IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.8.2020
COM(2020) 372 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (EHL)

{SWD(2020) 161 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (EHL)

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (EHL) huwa azzjoni tal-Unjoni Ewropea[1] li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini Ewropej għall-Unjoni, b'mod partikolari dak taż-żgħażagħ, fuq il-bażi tal-valuri u tal-elementi kondiviżi tal-istorja u tal-wirt kulturali Ewropej, kif ukoll apprezzament tad-diversità nazzjonali u reġjonali. L-Azzjoni tiffoka fuq l-istorja u l-valuri komuni Ewropej u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-djalogu interkulturali; hija tixħet anqas enfasi fuq il-preservazzjoni tas-siti. L-Istati Membri kollha jieħdu sehem fl-azzjoni, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda u tal-Iżvezja[2].

Sal-lum, il-Kummissjoni tat iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew lil 48 sit għall-valur simboliku tagħhom, għar-rwol li kellhom fl-istorja Ewropea, u għall-attivitajiet li joffru **sabiex iqarrbu l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha lejn xulxin**. Għall-fini tal-azzjoni, "siti" tfisser monumenti, siti naturali, taħt l-ilma, arkeoloġiċi, industrijali jew urbani, pajsaġġi kulturali, postijiet ta' tifkira, prodotti u oġġetti kulturali u patrimonju intanġibbli assoċjati ma' post, inkluż il-patrimonju kontemporanju. Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew mhuwiex assoċjat ma' premju monetarju.

Il-Kummissjoni timplimenta ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew bl-appoġġ ta' bord Ewropew ta' esperti indipendenti li jieħu ħsieb l-għażla u l-monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni.

Dan ir-rapport ta' **evalwazzjoni** taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew huwa ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni 1194/2011/UE[3] u huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD) li jippreżenta l-evidenza kollha. Dan jibni fuq 102 tweġibiet li waslu mingħand il-partijiet interessati kollha fil-qafas ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa. L-evalwazzjoni tivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-azzjoni matul **l-ewwel sitt snin tal-eżistenza tagħha bejn l-2011 u l-2017**, bil-ħsieb li tkompli tiżviluppa l-azzjoni bl-għan li tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u tagħmel pass kwalitattiv 'il quddiem. L-evalwazzjoni teżamina ħames kriterji: ir-rilevanza, il-koerenza, l-effiċjenza, l-effikaċja u l-valur miżjud tal-UE, kif previsti fil-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar[4].

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni tissuġġerixxi li **l-azzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għadha rilevanti għall-ħtiġijiet attwali tal-UE** u hija allinjata mal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura[5] u mal-interess dejjem akbar fil-kultura u fil-wirt kulturali fost iċ-ċittadini tal-UE, kif muri mill-parteċipazzjoni għolja fis-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

[1] Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, ĠU L 303/1, 22.11.2011

[2] Ir-Renju Unit kien Stat Membru fiż-żmien tal-evalwazzjoni iżda ma pparteċipax fl-azzjoni tal-EHL.

[3] ĠU L 303/1, 22.11.2011

[4] https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura", COM(2018) 267 final, 22.05.2018.

2018. Is-sejbiet ta' din l-evalwazzjoni, kif spjegati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD), juru li l-Azzjoni jenħtieġ li tkompli tiġi żviluppata, iżda jenħtieġ li l-ambitu ġeografiku tagħha ma jespandix lil hinn mill-UE sakemm l-azzjoni tistabbilixxi lilha nnifisha aħjar fi ħdan l-UE.

1. Rilevanza

Is-sejbiet ta' din l-evalwazzjoni juru li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew huwa **rilevanti għall-interess dejjem akbar fil-kultura u fil-wirt kulturali** fost iċ-ċittadini tal-UE. L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-iskambji tal-aħjar prattiki madwar l-Unjoni huwa rilevanti ħafna għall-ħtieġa ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-kultura u tal-wirt kulturali. Huwa l-aktar mod promettenti kif jiġu żviluppati fehim u prattika professjonali, u kif jissaħħu l-konnessjonijiet bejn il-pari fl-Ewropa. Madankollu, matul l-ewwel snin tal-implimentazzjoni, **dan il-potenzjal tal-azzjoni għadu ma ntlaħaqx**, u mhux l-Istati Membri kollha huma involuti fl-azzjoni.

- Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa aktar l-azzjoni u żżid l-isforzi sabiex tinvolvi lill-Istati Membri kollha fl-azzjoni.

2. Koerenza

L-evalwazzjoni sabet li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew huwa **inizjattiva distintiva fi ħdan l-UE**. Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jixħet anqas enfasi fuq il-preservazzjoni tas-siti, u minflok jiffoka fuq is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej dwar l-istorja u l-kultura Ewropej. L-evalwazzjoni sabet ukoll li f'termini ta' objettivi, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew juri aktar similaritajiet ma' inizjattivi u ma' programmi oħra tal-UE fil-qasam kulturali, aktar milli ma' programmi tal-UNESCO. Madankollu, ġie identifikat xi riskju ta' trikkib bejn iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u r-Rotot Kulturali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Minħabba **n-natura trasversali tal-wirt kulturali**, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew joffri xi potenzjal għal sinerġiji ma' oqsma ta' politika soċjali, ekonomika u internazzjonali. Dawn jistgħu jiġu żviluppati bħala riżultat ta' kollaborazzjoni politika aktar attiva taħt l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, u l-Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali[6]. Jistgħu jinkisbu wkoll xi sinerġiji bejn iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u l-programmi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ bħall-programm Erasmus+.

- Il-Kummissjoni se żżomm l-attenzjoni fuq is-sinifikat Ewropew tas-siti ta' Wirt Kulturali Ewropew fl-istorja u fil-kultura tal-Ewropa u/jew fil-bini tal-Unjoni bħala karatteristika distintiva tal-azzjoni u l-bażi għall-iżvilupp u għall-kisba tal-objettivi tagħha.
- Il-Kummissjoni se tfittex li tisfrutta l-koerenza u s-sinerġiji identifikati bejn iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u azzjonijiet oħra tal-UE fl-oqsma tal-kultura, tal-edukazzjoni u taċ-ċittadinanza (eż. il-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-programm Erasmus+, DiscoverEU, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura, eċċ.).

3. Effiċjenza u governanza

Hemm **firxa wiesgħa ta' siti**, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, individwali u multipli, nazzjonali u transnazzjonali, li hija eliġibbli għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. L-evalwazzjoni tqis li dan **huwa vantaġġ li jattira u jgħaqqad varjetà ta' siti**

[6] Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali, SWD(2018) 491 final, 05.12.2018.

potenzjali għaċ-Ċertifikat u fil-ħolqien ta' distinzjoni tal-azzjoni minn inizjattivi oħra fil-qasam tal-wirt kulturali. L-introduzzjoni ta' **kriterji komuni tal-għażla** kienet waħda mit-tibdiliet ewlenin introdotti fl-2011, meta ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew ġie ttrasformat minn inizjattiva intergovernattiva għal azzjoni fil-livell tal-UE. Il-kriterji komuni tal-għażla jiżguraw ir-rilevanza tas-siti għall-objettivi taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew hekk kif **is-siti** magħżula **jiddefinixxu b'mod ċar is-sinifikat Ewropew tagħhom** u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw attivitajiet sabiex jiksbu l-objettivi tal-azzjoni. Barra minn hekk, il-kriterji komuni tal-għażla kkontribwixxew għat-tfassil tal-identità tal-azzjoni.

L-evalwazzjoni aċċennat li, meta mqabbel ma' programmi jew ma' inizjattivi oħra fil-qasam tal-wirt kulturali, il-kriterju **tas-sinifikat Ewropew huwa karatteristika distinta tal-azzjoni**, u *de facto* l-kriterju ewlieni għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Madankollu, l-evalwazzjoni sabet li **l-iżvilupp tan-narrattiva Ewropea huwa diffiċli** għal sehem kbir mis-siti kandidati.

- Il-Kummissjoni se tfittex li tappoġġja s-siti potenzjali għall-attribuzzjoni taċ-ċertifikat, kif ukoll siti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew sabiex jiżviluppaw in-narrattivi Ewropej tagħhom bl-għan li jissodisfaw il-kriterju ta' sinifikat Ewropew u jkomplu jissodisfawh.

L-evalwazzjoni sabet li filwaqt li **l-potenzjal għall-kooperazzjoni u għall-bini ta' networks tematiċi** huwa inkorporat fil-kategoriji tal-eliġibbiltà, dan għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ. Il-maġġoranza tas-siti ċċertifikati bejn l-2013 u l-2017 kienet tinvolvi siti individwali, primarjament binjiet storiċi, wirt dokumentarju u arkitettoniku, u postijiet ta' tifkira. Qabel is-sena 2018, żewġ siti tematiċi biss kienu ċċertifikati, wieħed transnazzjonali u l-ieħor nazzjonali.

- Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha sabiex tippromwovi l-kooperazzjoni u l-bini ta' networks tematiċi bejn l-Istati Membri, bl-għan li tiċċertifika aktar siti tematiċi transnazzjonali u nazzjonali.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-azzjoni assumiet li **proċess ta' għażla f'żewġ stadji**, jiġifieri l-għażla minn qabel fil-livell nazzjonali l-ewwel, segwita mill-għażla fil-livell tal-Unjoni, ikun mod kif tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika ġusta taċ-Ċertifikat madwar l-UE. L-evalwazzjoni sabet li d-distribuzzjoni ġeografika tas-siti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għadha żbilanċjata wara l-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-azzjoni, b'aktar siti tal-EHL fl-istati l-kbar.

- Il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha sabiex jieħdu sehem fl-azzjoni u jippromwovu applikazzjonijiet mill-Istati Membri parteċipanti mingħajr sit magħżul.

L-għażla tas-siti għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tinvolvi żewġ stadji: L-għażla minn qabel ta' mhux aktar minn żewġ siti fil-livell nazzjonali kull sentejn; wara din, l-għażla tas-siti mill-bord Ewropew taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. L-evalwazzjoni sabet li proċess tal-għażla f'żewġ stadji jista' jkun nieqes mill-effiċjenza billi l-applikazzjonijiet kollha jiġu vvalutati, anki dawk fejn is-sit tal-applikant ma jurix b'mod ċar il-valur simboliku Ewropew fl-applikazzjoni. Peress li kull Stat Membru li jieħu sehem jistabbilixxi l-proċeduri tiegħu stess u l-kalendarju tiegħu stess għall-għażla minn qabel skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, dan jirriżulta f'opportunitajiet differenti għas-siti ta' wirt kulturali sabiex jipparteċipaw fl-azzjoni.

L-għażla fil-livell Ewropew tal-azzjoni **bl-appoġġ tal-bord tal-UE taħdem sew**. L-evalwaturi identifikaw qasam wieħed li fih tista' titjieb l-effiċjenza tal-proċess ta' valutazzjoni. Iċ-Ċertifikat jista' jiġi attribwit lil sit biss jekk l-applikazzjoni tiegħu tissodisfa t-tliet kriterji kollha. Għalkemm tliet kwarti tas-siti mhux magħżula ma ssodisfawx il-kriterju ta' sinifikat Ewropew, u għalhekk ma setgħux jingħataw iċ-ċertifikat, il-bord tal-UE vvaluta l-applikazzjoni abbażi taż-żewġ kriterji l-oħra, jiġifieri l-proġett propost, u l-kapaċità operattiva.

Il-bord jikkomunika d-deċiżjonijiet tal-għażla tiegħu lis-siti kandidati permezz tal-koordinaturi nazzjonali tagħhom, u joħroġ rapport dwar is-siti magħżula minn qabel lill-Kummissjoni għall-pubblikazzjoni. Is-siti magħżula jqisu dawn il-komunikazzjoni u r-rispons bħala suffiċjenti, filwaqt li siti mhux magħżula jippreferu spjegazzjoni aktar individwalizzata u dettaljata. Is-siti kandidati mhux magħżula għall-attribuzzjoni taċ-ċertifikat f'għażla fil-livell tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet ġodda għall-għażla minn qabel fil-livell nazzjonali fis-snin ta' wara.

- Għall-għażliet futuri, il-Kummissjoni se tikkunsidra modi kif iżżid l-effiċjenza tal-proċess tal-għażla, kif ukoll l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fl-azzjoni għas-siti ta' wirt kulturali, jiġifieri permezz ta' informazzjoni mtejba.
- Il-Kummissjoni se tesplora l-għażliet għas-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għażla u ta' evalwazzjoni u għall-għoti ta' feedback aktar dettaljat dwar ir-riżultati tal-għażla. Il-Bord tal-UE se jkompli jivvaluta l-kriterji kollha għall-attribuzzjoni taċ-ċertifikat bl-għan li jibbaża l-valutazzjoni fuq l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni.

L-evalwazzjoni tixħet dubju dwar l-effiċjenza tal-kwoti nazzjonali, l-għażla ta' massimu ta' sit wieħed għal kull Stat Membru għal kull sena ta' għażla. Filwaqt li l-kwoti setgħu kienu siewja fl-istadji inizjali tal-azzjoni bħala mezz sabiex jiġi kkontrollat l-għadd ta' siti tal-EHL, x'aktarx li dawn isiru ostaklu għall-iżvilupp ulterjuri tal-azzjoni.

- Jekk id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE (il-bażi ġuridika) tiġi rieżaminata, il-Kummissjoni tikkunsidra, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, għażliet għat-tneħħija tal-kwota nazzjonali ta' sit wieħed għal kull Stat Membru.

L-evalwazzjoni sabet li l-maniġers tas-siti u l-bord Ewropew involuti fl-eżerċizzju pperċepew b'mod pożittiv **l-ewwel Monitoraġġ tas-siti li ngħataw iċ-ċertifikat** fl-2016 bl-għan li jiġi żgurat li jkomplu jissodisfaw il-kriterji u jirrispettaw il-proġett u l-pjan ta' ħidma ppreżentati fl-applikazzjoni tagħhom. Il-maġġoranza tal-maniġers tas-siti apprezzat l-opportunità ta' rendikont tal-kisbiet tagħhom u tat-titjib li sar fil-prestazzjoni tas-siti. L-analiżi turi li nofs ir-rakkomandazzjonijiet kollha pprovduti mill-bord Ewropew matul il-proċess tal-għażla kienu implimentati kompletament jew parzjalment saż-żmien tal-monitoraġġ. Madankollu, il-monitoraġġ fil-forma kurrenti tiegħu jiffunzjona aktar bħala rieżami tal-prestazzjoni milli bħala monitoraġġ fis-sens strett. Dan jissuġġerixxi l-ħtieġa għal qafas ta' monitoraġġ ċar b'indikaturi komuni għall-Istati Membri sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-proċedura ta' monitoraġġ.

- Il-Kummissjoni se tkompli tevalwa u ttejjeb il-proċeduri ta' monitoraġġ għall-eżerċizzji futuri ta' monitoraġġ.

L-evalwazzjoni sabet li **l-komunikazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew lill-pubbliku** hija moderata. Mhux is-siti kollha sfruttaw il-viżibbiltà u l-materjali tal-markar maħluqa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni bejn l-atturi involuti fl-

implimentazzjoni tal-azzjoni Ewropea, jiġifieri l-Kummissjoni, il-koordinaturi nazzjonali u l-maniġers tas-siti, hija qasam fejn hemm lok għal titjib. Qed jitfaċċa l-bini ta' networks fost is-siti, u teżisti domanda kbira fi ħdan l-azzjoni għal komunikazzjoni aktar intensa.

- Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha sabiex ittejjeb l-attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar l-azzjoni Ewropea u sabiex tippromwovi l-kooperazzjoni u l-bini ta' networks tematiċi fost is-siti.
- Taħt il-programm kurrenti tal-Ewropa Kreattiva[7], fl-2019 u fl-2020 ġew allokati fondi għat-tfassil u għall-ġestjoni tal-attivitajiet ta' bini ta' networks u tal-kapaċitajiet għas-siti biċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.

4. Effikaċja

L-evalwazzjoni sabet li sa mit-tnedija tagħha, l-azzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għamlet **progress fil-kisba taż-żewġ objettivi ġenerali tagħha**, jiġifieri t-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini Ewropej għall-Unjoni u t-tisħiħ tad-djalogu interkulturali. Il-maġġoranza tar-rispondenti għall-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa li żaru s-siti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jaqblu li ż-żjara saħħet is-sens ta' appartenenza tagħhom għall-Ewropa. Fir-rigward tat-tisħiħ tad-djalogu interkulturali, fehim limitat fost il-maniġers tas-siti ta' djalogu interkulturali u komunikazzjoni multilingwi limitata huma l-ostakli ewlenin sabiex jinkiseb progress f'dan l-objettiv.

- Il-Kummissjoni se tesplora modi kif tista' ttejjeb il-fehim tal-maniġers tas-siti dwar id-djalogu interkulturali u l-impenn ta' tisħiħ favur dan sabiex jingħata kontribut aħjar għall-objettivi ġenerali tal-azzjoni.

L-evalwazzjoni osservat il-progress li sar sa mit-tnedija tal-azzjoni fl-enfasizzar tas-sinifikat u tal-valur simboliku Ewropej tas-siti u fiż-żieda tal-profil u tal-attraenza tas-siti fuq skala Ewropea. Minkejja dan, l-iżvilupp ta' narrattiva Ewropea għadu sfida għal xi wħud mis-siti u l-identifikazzjoni ta' temi komuni għadha diffiċli għan-network kollu taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.

L-evalwazzjoni sabet ukoll li sar progress fiż-żieda tal-fehim taċ-ċittadini Ewropej tal-istorja tal-Ewropa u tal-bini tal-Unjoni, kif ukoll tal-wirt kulturali komuni iżda divers tagħhom. Ir-rispondenti għall-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa qablu li żjara fi kwalunkwe wieħed mis-siti tal-EHL, personalment jew online, kienet tejbet il-fehim tagħhom tal-istorja u tal-kultura Ewropej u li din tejbet l-għarfien tagħhom dwar il-bini tal-Ewropa u l-integrazzjoni tagħha.

L-evalwazzjoni sabet li ħafna mis-siti tejbu u żiedu l-aċċess tagħhom għall-viżitaturi, inkluża l-aċċessibbiltà virtwali f'lingwi barranin. Filwaqt li ċ-Ċertifikat ġie miżjud b'suċċess fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' edukazzjoni tas-siti, għad hemm **il-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar attivitajiet edukattivi** li jindirizzaw il-wirt kulturali komuni. L-ilħuq ta' udjenzi lokali għall-kollaborazzjoni ma' komunitajiet lokali għadu sfida għal ħafna siti. Sa issa, ftit li xejn sar progress fit-trawwim ta' sinerġiji bejn il-wirt kulturali u l-ħolqien u l-kreattività kontemporanji. Barra minn hekk, ma nstabet l-ebda evidenza li l-EHL jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u sostenibbli tar-reġjuni, b'mod partikolari permezz tat-turiżmu kulturali, għalkemm terz mis-siti jirrapportaw li huma involuti f'attivitajiet ta' kollaborazzjoni mal-komunitajiet u man-negozji lokali.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020), ĠU L 347/221, 20.12.2013.

L-evalwazzjoni sabet li nofs is-siti kollha implimentaw attivitajiet konġunti ma' siti tal-EHL fi Stati Membri oħra, eż. wirjiet, konferenzi, lekċers, kunċerti, workshops u avvenimenti ta' promozzjoni. Xi siti jippreferu jikkooperaw ma' siti li mhumiex tal-EHL li jittrattaw tema komuni, filwaqt li nofs is-siti tal-EHL jixtiequ jtejbu l-kooperazzjoni fi ħdan l-azzjoni. L-istabbiliment ta' network tal-EHL bħala struttura għall-kooperazzjoni hija xewqa msemmija b'mod espliċitu mill-partijiet ikkonċernati.

Is-siti tal-EHL jirrapportaw li kisbu għadd kbir ta' **benefiċċji mid-dežinjazzjoni tagħhom**, inkluż appoġġ lokali msaħħaħ u dimensjoni Ewropea; aktar attenzjoni mill-media; integrazzjoni aktar mill-qrib fl-Ewropa; kif ukoll żieda fil-viżibbiltà u fl-għadd ta' viżitaturi. Min-naħa l-oħra, il-fatt li sit isir sit tal-EHL huwa wkoll impenjattiv f'termini ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-proġett tiegħu.

- Il-Kummissjoni nediet attivitajiet sabiex tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet tas-siti tal-EHL bl-għan li jaġixxu fil-livell internazzjonali u jikkontribwixxu għall-kisbiet tal-objettiv taċ-ĊPE u għas-sostenibbiltà tar-riżultati tiegħu, bħal permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ u l-mobilità tal-persunal bejn is-siti.

5. Valur miżjud tal-UE

Il-valur miżjud ipprovdut billi l-azzjoni titħaddem fil-livell Ewropew, meta mqabbla mal-azzjoni intergovernattiva preċedenti, jinkiseb primarjament mill-enfasizzar tas-sinifikat Ewropew tas-siti tal-EHL. Is-siti jistgħu jipprovdu kontenut tanġibbli li jagħtu ħajja lil kunċetti astratti bħall-valuri u l-identità Ewropej. Barra minn hekk, is-siti tal-EHL jistgħu jservu bħala ħolqa bejn in-narrattivi Ewropej u s-siti u ċ-ċittadini lokali. S'issa ma nstab l-ebda valur miżjud konkret tal-UE fit-tisħiħ tad-djalogu interkulturali. Dan jista' jkun riżultat tal-karatteristiċi tas-siti ta' wirt kulturali, li rari jiffokaw b'mod partikolari fuq attivitajiet li joffru potenzjal kbir sabiex jappoġġjaw id-djalogu interkulturali, kif jidher fl-oqsma tas-soċjokultura, tal-arti tal-ispettaklu, tal-isferi urbani, eċċ.

L-involviment tal-UE rriżulta fit-twaqqif ta' kriterji tal-għażla komuni, kif ukoll fi proċeduri tal-għażla u ta' monitoraġġ f'livell Ewropew. Dawn l-iżviluppi jistgħu jiġu identifikati bħala valur miżjud importanti meta mqabbla mal-inizjattiva intergovernattiva preċedenti. Is-siti tal-EHL jagħrfu l-valur miżjud tal-UE tal-azzjoni fl-opportunità li jaqsmu l-esperjenzi u l-aħjar prattiki tagħhom, jitgħallmu minn xulxin, u jiżviluppaw narrattivi dwar temi komuni Ewropej.

L-evalwazzjoni sabet li l-valur miżjud tal-UE tal-azzjoni jista' jkun limitat minħabba li l-ambitu tagħha huwa dejjaq wisq (jiġifieri billi jiffoka fuq is-siti). Madankollu, it-terminazzjoni tal-azzjoni tkun prematura u tista' tibgħat sinjal negattiv liċ-ċittadini, u speċifikament lill-partijiet ikkonċernati tas-siti u tas-settur tal-wirt kulturali. L-isforzi mwettqa mis-siti tal-EHL sabiex jaċċennaw is-sinifikat Ewropew tagħhom u sabiex iqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini ssirilhom ħsara kbira.

- Il-Kummissjoni se tikkunsidra modi addizzjonali ta' kif tista' twessa' l-ambitu tal-azzjoni, b'mod partikolari billi tiżviluppa u tikkomunika n-narrattivi Ewropej tas-siti; issaħħaħ il-kooperazzjoni u l-bini ta' networks tematiċi fost is-siti tal-EHL; u tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet tagħhom.